ŻEBBUĠ

**MINUTI tas-Seduta Nru. 35/09**

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Zebbug**

**Data: It-Tlieta, 19 ta' Mejju 2009**

**Hin: Fil-5.30 ta' filghaxija**

**Prezenti ghall-laqgha:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Vici Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Ezekuttiva.**

Il-Kunsillier is-Sur Harry Debono kien skuzat.

Ippresjeda l-laqgha s-Sindku Carmelo Saliba.

Intqalet talba mis-Sindku u nghata bidu ghall-laqgha.

## Approvazzjoni tal-Minuti 34/09 u laqgha urgenti 05-05-09

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 34/09 u tal-Laqgha Urgenti tal-5 ta' Mejju 2009 gew cirkulati minn qabel, dawn gew meqjusa bhala moqrija.

Is-Sindku talab ghal xi korrezzjonijiet li setgha kien hemm ghall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet ghall-minuti.

Is-Sindku talab ghall-approvazzjoni tal-minuti kif ipprezentata u staqsa ghal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minhabba li kien jidher li kulhadd kien favur, dawn il-minuti gew approvata u ffirmata.

## Punti li johorgu mill-minuti 34/09 u laqgha urgenti 05-05-09

Il-Kunsillier Refalo staqsa dwar il-laqgha mas-Supritendent tal-Pulizija t' Ghawdex dwar Marsalforn. Is-Sindku talab lis-Segretarja Ezekuttiva biex taghmel appuntament ghal laqgha mas-Supritendent.

Dwar l-accessibilita` ta' l-ufficini tal-Kunsill, is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li l-Perit jaghmel pjanta bix-xoghlijiet li hemm bzonn isiru.

Dwar ir-*railings* spiccuta ta' Triq il-Port (faccata tal-hwienet), il-Kunsill iddecieda li ssir stima biex dawn ir-*railings* jinbidlu ma' travi tal-injam.

Il-Kunsill approva t-twahhil ta' hamsa u tletin tabella gdida tat-traffiku u ta' direzzjoni f' Marsalforn (jaghmel ix-xoghol Raphael Refalo).

Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill iddecieda li b' effett mill-1 ta' Gunju u dan sa l-ahhar ta' Settembru, il-Menqa u Triq il-Port jinghalqu ghat-traffiku mis-7.00 ta' filghaxija sa nofs il-lejl. Tintalab l-approvazzjoni ta' l-Awtorita` dwar it-Trasport.

Dwar il-kiri ta' *hi-up* ghal xoghlijiet ta' zebgha gewwa Marsalforn, is-Segretarja Ezekuttiva gharrfet lill-Kamra li kienet talbet tlett kwotazzjonijiet (kif deciz fl-ahhar laqgha), lil:

Joseph Portelli – m' ghandux *hi-up*
Paul Evan Mercieca – ma baghatx kwotazzjoni
Peter Paul Said – €14 ghal kull siegha servizz.

Il-kwotazzjoni ta' Peter Paul Said kienet accettata.

L-Agenda kienet sospiza biex indirizza lill-Kunsill Wigi Farrugia.

Is-Sur Wigi Farrugia ta x-xhieda tieghu dwar il-kaz ta' Victor Refalo. Is-Sur Farrugia qal fil-hin tal-incident, hu kien hiereg minn Triq San Mikiel (k/m Triq Ghajn Mhelhel) u ra l-incident isir; il-vettura ta' Refalo kienet gejja minn isfel u baqghet diehla go kantun li kien fin-nofs tat-triq.

## Il-musical 'gherugna'

Maestro Paul Abela li kien prezenti ghall-laqgha qal id-Direttur tal-Musical se jkun Ray Mangion. Qal li l-atturi principali se jkunu Georgina u Ray Mangion u l-kumplament tal-*cast* se jkun maghmul mill-lokal. Il-Maestro qal ix-xoghol fuq il-muzika nbeda. Qal li l-*copyrights* se jkunu proprjeta` tal-Kunsill (il-musical jittella' kemm il-darba jrid il-Kunsill).

Dwar id-drittijiet tieghu u tad-Direttur Ray Mangion u l-kantanta Georgina, il-Maestro ghandu jibghat *e-mail* bid-dettalji.

Fr Noel Saliba qal li x-xoghol tieghu hu kwazi lest. Dwar id-drittijiet tieghu, Fr Saliba qal biex jaghti indikazzjoni biss, id-drittijiet tal-awtur meta ssir bicca xoghol bhal din ikunu ta' €7,000. Kompla jghid hu mhux qed jippretendi c-cifra li semma, qal inhalli f' idejn il-Kunsill.

Is-Sindku qal japprezza x-xoghol li qieghed jaghmel Fr Saliba u l-fatt li d-drittijiet tieghu qed ihallihom f' idejn il-Kunsill.

Il-Kunsillier Refalo ppropona li l-musical jittella' fil-port, minn fuq barkun. Is-Sindku qal nitkellmu mad-Direttur dwar il-proposta ta' Refalo.

Fr Gigi Mallia li kien prezenti ghall-laqgha rringrazzja lill-Kunsill ghall-Premju Gieh iz-Zebbug u qal li apprezza hafna li l-Kunsill Lokali haseb fih.

Dwar il-kaz tal-Kunsillier Refalo, gie maqbul li tinzamm laqgha ma' l-Avukat tal-Kunsill u wara l-Kunsill ikun jista' jiddeciedi.

Il-Kunsill iddecieda li bil-kollaborazzjoni tal-Kumitat Zebbug Youth Movement itella' Song Festival ghat-tfal tal-lokal fl-iskola.

## korrispondenza

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:-

Talba ghal *sponsor* mill-Kullegg ta' Ghawdex (Dipartiment tal-Edukazzjoni) ghall-ktejjeb 'Is-Sigra tal-Hajja' ghat-tfal tal-year 6. Il-Kunsill approva t-talba.

Talba ghal *sponsor* ta' Mario Cassar ghall-wirja ta' pittura tieghu MARIOCASSAR 99/09. It-talba kienet rifjutata.

Talba ghal ghajnuna finanzjarja mill-Fondazzjoni OASI ghall-Kuncert Riflessi Sajfin 2009. It-talba ma gietx accettata.

Ittra mibghuta mill-Kumitat tal-Banda Leone dwar il-possibbilita` li l-programm LEONE GOES POP – 2nd Edition jittella' f' Marsalforn. Ma kienx hemm qbil li tinghata ghajnuna finanzjarja biex jittella' l-programm. Gie deciz li ma jintalbux ihallsu ghall-permess.

Ittra mibghuta mill-Kunsill Nazzjonali taz-Zghazagh dwar il-Parlament Nazzjonali taz-Zghazagh. Il-Kunsill iddecieda li jghaddi din il-korrispondenza lill-Kumitat Zebbug Youth Movement.

Stima tal-Perit biex jinkesa bi *stenciled concrete* l-ahhar sqaq ta' Triq Ghajn Mhelhel. Saret diskussjoni fit-tul dwar dan l-isqaq u l-Kunsill ftiehem li decizjoni tittiehed f' seduta ohra.

**Applikazzjonijiet ghal permess tal-Kunsill Lokali**

| | **Decizjonijiet mehuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|
| Victor Refalo ta' Ekxa Kiosk<br>Divertiment nhar is-27 ta' Gunju 2009<br>fi Triq il-Port (fuq il-*bridge*). | Approvata. |
| Kumitat Lejlet Lapsi – Notte Gozitana<br>Wirja ta' karrozzi<br>nhar it-23 ta' Mejju 2009 fil-Menqa. | Approvata.<br>(il-Menqa tinghalaq ghat-traffiku) |
| Ghaqda Armar Sta Marija<br>Spettaklu ta' talent Zebbugi<br>nhar it-13 ta' Gunju 2009<br>fi Triq il-Knisja (it-triq ta' wara l-Knisja). | Approvata. |
| Ghaqda Hbieb tal-Morda u ta' l-Anzjani<br>Diversi *car boot sales*<br>fil-*car park* ta' Marsalforn. | Ma kienx hemm oggezzjonijiet. |

## APPROVAZZJONI TAL-*FINANCIAL STATEMENTS* 2008 - 2009

Is-Segretarja Ezekuttiva ressqet ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-*Financial Statements* ghas-sena 2008-2009. Il-Kunsill approva l-*financial statements* kif ipprezentata.

## Approvazzjoni tal-kontijiet

**Dawn il-pagamenti gew approvata:-**

| | |
|---|---|
| Servizz ta' *coach* – harga ghal Malta 25/03/09 (Koptaco Coaches) | €192.41 |
| Servizzi ta' garr ta' flus – Marzu 2009<br>(Group 4S Security Services Malta Ltd) | €30.26 |
| Trasport tat-tfal ta' l-iskola primarja – Marzu 2009<br>(Felix Cini) | €101.50 |
| Kera ta' l-ewwel sular tal-bini tal-Kunsill 06-31/03/09<br>(Anthony Vella) | €165.76 |
| *Contract Management fee* – xoghlijiet ta' konkos fi Triq Wied l-Infern<br>(il-Perit Edward Scerri) | €370.87 |
| Xoghlijiet ta' konkos fi Triq Wied l-Infern (Joseph Cefai) | €7,046.46 |
| Provista ta' ramel ghall-Ghassa taz-Zebbug<br>(Road Construction Co Ltd) | €30.23 |
| *Contracts Manager fee* – Marzu 2009 (Fortunato Mifsud) | €68.48 |
| Laham ghall-Kukkanja – Karnival 2009 (George's Butcher) | €58.74 |

| | |
|---|---|
| Partecipazzjoni f' Ilwien ir-Rebbiegha 2009 (Frankie Portelli) | €335.00 |
| Partecipazzjoni f' Ilwien ir-Rebbiegha 2009 (Mike Spiteri) | €151.41 |
| Partecipazzjoni f' Ilwien ir-Rebbiegha 2009 (Augusto Cardinali) | €200.00 |
| Partecipazzjoni f' Ilwien ir-Rebbiegha 2009 (The Greenfields Folk Group) | €120.00 |
| Servizzi mill-banda – Ilwien ir-Rebbiegha 2009 u cerimonja ta' Jum iz-Zebbug (Socjeta` Filarmonika Santa Marija) | €1,400.00 |

Is-Sindku qal jinsab dizappuntat ghall-fatt li l-Banda kienet ordnata taghmel servizz ta' tlett sieghat u minflok kienet se taghmel programm ta' nofs siegha biss.

| | |
|---|---|
| Stampar ta' *flyers* – Ilwien ir-Rebbiegha 2009 (jdb digital printing) | €609.00 |
| Dwal – Ilwien ir-Rebbiegha 2009 u cerimonja ta' Jum iz-Zebbug (Joe Cutajar) | €787.00 |
| Servizzi ta' disinjatur, stampar tal-*posters* u 4 *banners* kbar – Ilwien ir-Rebbiegha 2009 (Motif Media) | €1,136.34 |
| Rimbors ghal spejjez li ghamel f' telefonati u uzu tal-karozza privata tieghu – Ilwien ir-Rebbiegha 2009 (Noel Said) | €30.00 |
| Kiri ta' *bouncy castle* – Ilwien ir-Rebbiegha 2009 (Maria Homoki) | €180.00 |
| Partecipazzjoni f' Ilwien ir-Rebbiegha 2009 (Annette's Mystic Dancers) | €100.00 |
| Partecipazzjoni f' Ilwien ir-Rebbiegha 2009 (Joseph Refalo) | €46.58 |
| Partecipazzjoni f' Ilwien ir-Rebbiegha 2009 (Klinsman & Kylie) | €150.00 |
| Partecipazzjoni f' Ilwien ir-Rebbiegha 2009 (Elise Theuma) | €30.00 |
| Partecipazzjoni f' Ilwien ir-Rebbiegha 2009 (Kor Santa Marija) | €150.00 |
| Partecipazzjoni f' Ilwien ir-Rebbiegha 2009 (Marisa D' Amato) | €200.00 |
| Kiri ta' zewg tined – Ilwien ir-Rebbiegha 2009 (Connection Caterers Ltd) | €849.60 |
| Armar u zarmar ta' antarjoli u festuni u servizzi ohra – Ilwien ir-Rebbiegha 2009 u cerimonja ta' Jum iz-Zebbug (Kumitat Armar Santa Marija) | €872.00 |
| Partecipazzjoni f' Ilwien ir-Rebbiegha 2009 (Joe u Veronica Farrugia) | €200.00 |
| Partecipazzjoni f' Ilwien ir-Rebbiegha 2009 (Kor Regina Angelorum) | €150.00 |
| Partecipazzjoni f' Ilwien ir-Rebbiegha 2009 (Freddie Portelli u Martin Sapiano) | €420.00 |
| *Cards* tal-*mobile phones* tal-Kunsillieri (The Majestic) | €150.00 |
| Konsum u kera tal-linji tat-telefons (GO) | €288.72 |
| Bdil ta' *parts* tal-*photo copier* (Office Group Ltd) | €245.91 |
| Materjal ghat-tiswija tas-servizz tad-drenagg tal-bini tal-Kunsill (Caruana & Cini Co Ltd) | €55.46 |
| Siggu ghall-Ghassa tal-Pulizija taz-Zebbug (Computertech) | €32.00 |
| *Electrical fittings* ghall-Ghassa tal-Pulizija taz-Zebbug (Caruana & Cini Co Ltd) | €208.45 |
| Qsari ghall-Ghassa tal-Pulizija taz-Zebbug | |

(Xerri’s Garden Centre & Nursery) €16.37
Zebgha ghall-bieb ta’ l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zebbug
(Agius Industrial Supplies Ltd) €18.23
Kera ta’ l-ewwel sular tal-bini tal-Kunsill 01/04 – 05/09/09
(Anthony Vella) €997.76
Stampar ta’ inviti u programmi – cerimonja ta’ Jum iz-Zebbug 2009
(B.C.D. Printing Ltd) €129.24
Stampar ta’ *letterheads* (B.C.D. Printing Ltd) €343.58
Stampar ta’ fuljett (B.C.D. Printing Ltd) €391.33
*Fuel* – diversi qadi bit-trakk tieghu (Carmel Camilleri) €20.00
*Fuel* – Laqgha tas-Sindki 8-9/05/09, Lukanda Victoria Palace, Sliema
(is-Sindku Carmelo Saliba) €25.00
*Fuel* u biljett tal-vapur – Laqgha tas-Sindki 8-9/05/09, Lukanda Victoria Palace, Sliema
(il-Vici Sindku Joe Bajada) €33.15
*Fuel* u biljett tal-vapur – gbir tal-premju Gieh iz-Zebbug, Imriehel
(il-Vici Sindku Joe Bajada) €33.15
Ghamara ghall-Ghassa tal-Pulizija taz-Zebbug (Mario Vella) €1,131.47
Antiporta ghall-Ghassa tal-Pulizija taz-Zebbug (Mario Vella) €582.34
Servizzi ta’ librara – April 2009 (Joanne Grima) €44.72
*Contract Manager fee* – April 2009
(Galea Curmi Engineering Consultants) €95.93
Tindif ta’ l-ufficini tal-Kunsill – April 2009
(Salvina Bajada) €50.10
Tigdid tal-polza ta’ l-assikurazzjoni dwar il-flus fil-Kunsill
(Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali) €42.00
Kiri u tbattil tal-*bins* tal-*bring-in site* – April 2009
(WasteServ Malta Ltd) €287.02
Provista ta’ gebel ghal Triq Ghajn Mhelhel (Louis Attard) €289.92
Gbir ta’ l-iskart domestiku u tbattil u tindif ta’ l-i*skips* –
April 2009 (Louis Attard) €3,927.20
Tindif tat-toroq, gbir ta’ *bulky refuse* u tindif u zamma
tal-latrini ta’ Marsalforn – Marzu 2009
(Dipartiment ta’ l-Indafa Pubblika) €1,696.93
Tindif u zamma tal-latrina pubblika taz-Zebbug – April 2009
(Nancy Cefai) €143.84
Grada fil-*promenade* tal-Qbajjar (John Zammit) €210.00
Tiswija ta’ bandla fil-*promenade* tal-Qbajjar (John Zammit) €25.00
Gbir u rimi ta’ sigra mqaccta fil-*promenade* tal-Qbajjar
(John Zammit) €30.00
Tindif u zamma tal-*playing field* u l-*promenade* tal-Qbajjar –
April 2009 (John Zammit) €138.89
Hlasijiet dovuta lill-Korporazzjoni Enemalta ghas-sena 2009
(Enemalta Corporation) €233.00
Zebgha u pniezel (Joseph Caruana Co Ltd) €206.39

| | |
|---|---|
| Zebgha u pniezel (Joseph Caruana Co Ltd) | €264.30 |
| Tifkiriet – tberik taz-zwiemel, Jum iz-Zebbug 2009 (Playcraft) | €560.50 |
| Cereali, halib u frott – attivita` ghat-tfal ta' l-Iskola Primarja Mons G. Andrea Vella, Jum iz-Zebbug 2009 (Skola Mons G. Andrea Vella) | €104.80 |
| Bnadar (Jon David Ltd) | €357.66 |
| Tifkira – Jum iz-Zebbug 2009 (Horace Enterprises Ltd) | €22.00 |
| Trofej u tifkiriet – Jum iz-Zebbug 2009 (Horace Enterprises Ltd) | €370.99 |
| Premju Gieh iz-Zebbug (Ronald Pisani) | €354.00 |
| Bukketti ta' ward – Jum iz-Zebbug 2009 (Ta' Gerit Pet Shop) | €70.00 |
| Trasport tat-tfal ta' l-iskola primarja – April 2009 (Felix Cini) | €60.90 |
| Servizz ta' *minibus* (Felix Cini) | €20.00 |
| 10 Kotba – 'Il-Vittmi Ghawdxin tal-Gwerra' (Charles Bezzina) | €60.00 |
| *Grass cutter* (Ronnie Mizzi) | €418.00 |
| Xfafar u harira ghall-*grass cutter* (Ronnie Mizzi) | €98.00 |
| Sigar taz-zebbug u sapport ghas-sigar (Ortis Ltd) | €346.12 |
| Zebgha u pniezel – latrini pubblici ta' Marsalforn (Joseph Caruana Co Ltd) | €239.95 |
| Zebgha (Joseph Caruana Co Ltd) | €143.91 |
| Xoghol ta' *engraving* u *stickers* (Mario Farrugia) | €75.00 |
| Servizzi ta' kurrier (Gozo Express Services Ltd) | €129.80 |
| Servizzi ta' tindif – tberik ta' l-annimali f' Jum iz-Zebbug (Emanuel John Grech) | €23.30 |
| Partecipazzjoni fic-cerimonja ta' Jum iz-Zebbug 2009 (Kor Santa Marija) | €150.00 |
| Servizz mill-kor fil-quddiesa ta' Jum iz-Zebbug 2009 (Kor Santa Marija) | €150.00 |
| Partecipazzjoni fic-cerimonja ta' Jum iz-Zebbug 2009 (Kor Regina Angelorum) | €150.00 |
| Servizz mill-kor fil-quddiesa ta' Jum iz-Zebbug 2009 (Kor Regina Angelorum) | €150.00 |
| Ikel ghat-tfal ta' l-iskola – inawgurazzjoni tal-progett ta' Triq il-Qbajjar (Karistu Portelli) | €120.00 |

Il-laqgha ntemmet fid-8.45 ta' filghaxija. Il-Kunsill Lokali ftiehem li laqgha ohra tinzamm nhar it-Tlieta, 9 ta' Gunju 2009 fil-5.30 ta' filghaxija.

**Carmelo Saliba CLJ**
***Sindku***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Ezekuttiva***